MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 386/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maximilian Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maximilian Ciantar talli fid-19 ta' Jannar 2006, ghall-habta ta' 4.15 p.m., fi Triq San Vincenz, Hamrun:

(1) Gara oggett iebes (gebel) lejn ir-residenza ta' Emad Edris;

(2) Fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti;

(3) Qal kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha;

(4) Insulenta u offenda bil-kliem lil Emad Edris;

(5) Hedded lil Emad Edris b’ oggett iebes (katina);

(6) Kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ ghajjat.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Emad Edris jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Maximilian Ciantar b’obbligazzjoni tiegh nnifsu taht penali ta’ soma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti fin-nuqqas ta’ provi ma sabitx lill-imsemmi imputat Maximilian Ciantar hati, u ghaldaqastant illiberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-7 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-imputazzjonijiet, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti, u cioe` li l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet minhabba nuqqas ta’ dehra tat-tliet xhieda, minkejja li gew esebiti riferti pozittivi fil-konfront taghhom. F’sitwazzjoni simili, jekk xhud debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza izda ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi u l-ezitu taghhom jigi jiddependi

fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le (App. Krim. **Il-Pulizija v. Domenico Savio Spiteri**, 5 ta' Jannar 1996). Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhud kif ipprovdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali jkollu dritt ta' appell skond l-artikolu 413(1)(b)(vi) ta' l-imsemmi Kodici (App. Krim. **Il-Pulizija v. Saviour Farrugia**, 25 ta' Lulju 1994). F'sitwazzjoni simili, il-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kinitx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-Qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma huwa argument validu dak li jigi spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri u cioe` li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif spiss jigri, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet: il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/kwelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu ta' kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mil-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu (App. Krim. **Il-Pulizija v. Pierre Schembri**, 8 ta' Jannar 1996).

Minn dan jidher car illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita` tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti u ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Mill-verbali tas-seduti quddiem l-ewwel Qorti u li jinsabu fil-process jirrizulta illi meta ssejhet il-kawza fit-13 ta' Marzu 2006 l-appellat (allura imputat) ma deherx u dik il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2006. Dwar id-29 ta' Mejju 2006 m'hemm l-ebda verbal u l-verbal li jmiss huwa ta' l-4 ta' Lulju 2006 mnejn jirrizulta li meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Ottubru 2006, f'liema gurnata deher l-Ispettur Dominic Micallef ghall-prosekuzzjoni u l-appellat assistit. Dak inhar xehed il-Maggur Lia u l-kawza giet mill-

gdid differita ghat-28 ta' Novembru 2006. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 deher P.S. 1124 Vince Micallef ghall-prosekuzzjoni u l-imputat assistit minn Dr Bianco. Jidher li ghal darb'ohra xehed is-Surgent 86 Lia imbaghad gie verbalizzat hekk:

**"Gew prezentati tliet riferti tax-xhieda.**

**Kawza deciza."**

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minhabba "nuqqas ta' provi". Issa, a fol. 12 u 13 hemm rapport tal-Pulizija – u hawn din il-Qorti trid tissenjala nuqqas iehor konsistenti filli d-deputat ta' dik il-Qorti ma ghamilx notament fuq dan id-dokument dwar min ipproduca l-istess dokument – li minnu jidher illi fost ix-xhieda li taghhom gew esebiti r-riferti hemm ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, il-*complainant* Emad Idris. Dan ix-xhud kien certament indispensabbli ghall-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heraghty** moghtija fit-28 ta' Settembru 2006 qalet testwalment hekk dwar sitwazzjonijiet simili:

**"Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kazi *'Il-Pulizija vs. Clive Debono'* [14.9.2004], *'Il-Pulizija vs. Anne Montfort'* [30.9.2004], u *'Il-Pulizija vs. Kevin Debono'* [1.6.2006] kellha okkazjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghal dan it-tip t'incident u ccitat b'approvazzjoni s-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: *'Il-Pulizija vs. Mario Saliba'* [15.10.1982], *'Il-Pulizija vs. Mario Magri'* [28.5.1993], *'Il-Pulizija vs. Francis Callus'* [30.9.1993], *'Il-Pulizija vs. Anthony Zarb'* [22.10.1993], *'Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et'* [3.12.1993] u *'Il-Pulizija vs. Francis Borg'* [10.12.1993].**

**Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali *'Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri'* [5.1.1996] li, ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinuzjawx ghalih (enfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9 (App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia* [25.7.1994] u ohrajn).**

**'Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe` l-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara App. Krim. *Il-Pulizija vs Pierre Schembri* [8.1.1996] u ohrajn).'"**

F'dan il-kaz, minkejja li kien hemm riferti pozittivi dwar ix-xhieda Emad Edris, Spiridione Mangion u Redent Ciantar, li gew indikati bhala xhieda sahansitra *in calce* tal-komparixxi, l-ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ordnat li dawn ix-xhieda jingiebu quddiemha okkorrendo b'mandat ta' akkumpanjament jew addirittura t'arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, specjalment ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jippernja fuq ix-xiehda ta' l-imsemmi Emad Idris u ladarba l-prosekuzzjoni ma kinitx irrinunzjat ghalih.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9, li proprju jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'kazijiet analogi.

Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara

li minhabba l-assenza ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema' u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------